MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Numru. 1019/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**JASON VASSALLO**

**IL-QORTI:**

Rat l-akkuza migjuba kontra Jason Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 35568 (M).

**AKKUZAT TALLI:**

F'Awissu 2011 u fix-xhur u s-snin ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta`

ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` elfejn u hamest mitt ewro (€2,500), ghad-deteriment ta` Anthony Scicluna detentur tal-Karta tal-Identita` numru 381672 (M), ai termini tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` is-somma ta` elfejn u hamest mitt ewro (€2,5000), ghad-deteriment ta` Anthony Scicluna detentur tal-Karta tal-Identita` numru 381672 (M), ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijet ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532 (a), 532 (b) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 532 (a), 532 (b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti hadet ukoll in-konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa lest illi jhallas lura lil Anthony Scicluna l-bilanc ta` elfejn u hamest mitt ewro (€2,500).

Ghaldaqstant din il-Qorti minhabba din l-ammissjoni qed issib lill-imputat hati u tikkundannah prigunerija ghall-perjodu ta` sena (1), pero tordna li dan il-perjodu ma jibdiex isehh sakemm l-imputat ma jinstabx hati ta` reat iehor li jgib mieghu terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` sentejn (2) mil-llum u dan a tenur tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

In oltre a tenur tal-Artikolu 28H, din il-Qorti qed tordna lill-imputat sabiex fi zmien sitt (6) xhur mil-llum huwa jhallas l-ammont ta` elfejn u hamest mitt ewro (€ 2,500) lill-istess Anthony Scicluna bil-kundizzjoni illi jekk dan il-hlas ma jsirx huwa jkollu awtomatikament iservi l-perjodu ta` prigunerija impost fuqu llum immedjatament.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------